# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 21 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 1.**
**Citazz. Nru. 1811/00 JRM**

**GALLERIA MANAGEMENT LIMITED**

**vs**

**THOUGHTS COMPANY LIMITED**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi d-ditta konvenuta kienet tiggextixxi hanut fil-Galleria Shopping and Entertainment Centre, Fgura, u ghandha taghti lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,468.81, arretrati ta'

kera u taxxa, ghall-maintenance tal-areas komuni tal-kumpless, u kontribuzzjoni ghal marketing, kollox skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet;

Illi d-ditta konvenuta giet interpellata, anke ufficjalment, biex thallas dan id-dejn, izda baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,468.81 (elf, erba' mija u tmienja u sittin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu) kif fuq inghad;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lid-ditta konvenuta

thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,468.81c (elf, erba' mija u tmienja u sittin liri maltin u wiehed u tmenin centezmu) kif fuq inghad, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali, kontra s-socjeta' konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru, 2000.**